**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 17, 31, 64(2), 214, 215, 217, 218, 221, 338(bb), 338(dd), 383, 384 u 412C**
**tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rosanne DeBattista u Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**TONY CURMI (I.D.600582M)**
**LOUIS VASSALLO (I.D.394072M)**
**ALBERT TABONE (I.D.482471M)**

**Kump. Nru.: 1366/2012**

**Illum, 27 ta' Gunju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Tony Curmi** detenur tal- karta ta' l-identita' bin-numru 600582(M);

**Louis Vassallo** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 394072(M); u

**Albert Tabone** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 482471(M);

Tressqu quddiemha u gew akkuzati:-

Tony Curmi wahdu talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2012 ghall-habta ta' nofs il-lejl gewwa Flashback li jinsab gewwa l-istabilliment Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:-

Talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Kevin Bray.

Tony Curmy, Louis Vassallo u Albert Tabone flimkien gew akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabdu arma, strumenti u ghodod ohra li jigu klassifikati bhala arma irregolari.

Talli fl-istess data bejn il-kwarta ta' filghodu u s-siegha u kwart ta' filghodu gewwa l-isptar Mater Dei u/jew fil-vicinanzi:

Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Amanda Abela,

Talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja fil-periklu car ikkagunaw feriti ta; natura hafifa fuq il-gisem ta' Kevin Bray.

Talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-kodici, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-*current incident report* a fol. 8 et seq., zewg (2) certifikati medici rilaxxjati minn Dr. Edward Cherubino a fol 12 u fol. 13, tlett (3) stqarrijiet a fol. 14 et sequitur, tlett (3) fedini penali a fol. 20 et sequitur, tlett (3) persons details a fol. 27 et sequitur tal-Process u l-estratti mill-att tat-Twelid tal-imputati a fol. 115 et sequitur.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tieghu tal-20 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza.

Ikkunsidrat:

**Amanda Abela, l-allegata vitma** xehdet fid-9 ta' Jannar, 2013 u dan wara li l-Qorti taghta t-twissija skont il-Ligi li setghet tinkrimina ruhha stante li ghandha il kaz taghhaskonness ma' dan il-kaz *sub judice*, u hija ghazlet li tixhed.

Spjegat illi dakinhar tal-incident, certa habiba taghha Shirley Cassar li tahdem maghha xtaqet titla' Paceville pero' kellha problema biex tinzel lura dakinhar ta' l-incident u ghalkemm hija ma kellhiex aptit tmur Paceville qaltilha sabiex tmur u f'xi hin hi flimkien mal-partner taghha jitilghu ghaliha.

Tghid illi dakinhar kien il-21 ta' Dicembru, u infatti hi kienet qeghda *party* tax-xoghol u qaltilha li kienu ser jghaddu ghaliha iktar tard, peress li din Shirley hija *single* u tghix wahedha. Tghid illi l-partner taghha ma tantx ha gost ghax qalilha li m'ghandux aptit johrog. Tghid illi x'hin waslu hemmhekk rat li l-habiba taghha kienet xi ftit xurbana u ghalhekk ma qaghdux hdejha mal-ewwel, qaghdu hdejn il-bar. Tghid illi dak il-hin dahal wiehed klijent taghhom u offrielhom *drink*. Tghid illi f'hin minnhom rat wiehed mill-akkuzati jghajjat go wicc il-habiba taghha, ma tafx x'kien qieghed jghid pero' bil-mossi tieghu kien jidher li qieghed jghajjat go wiccha. Qalet lill-*partner* taghha biex jibqa' hemmhekk u marret tara jekk kienx kollox sew. Tghid illi x'hin marret hemmhekk it-tnejn li huma ma kkalkolawhiex u hi bdiet tghidlu biex ma jghatix kasha ghaliex kienet xi ftit xurbana.

Tghid illi biex ma taqlax paroli qabdet lil habibitha u haditha t-toilet u wara regghat marret hdejn l-*partner* taghha. Hemmhekk innutat li r-ragel li kien beda jghajjat ma' habibitha, li ndikat bhala l-imputat Tony Curmi, baqa' jhares f'ghajnejha, imma hi ma tatx kasu.

Tghid illi ma kienx iktar minn metru 'l boghod. Tghid illi dak il-hin dawn kienu xi sitta (6) min-nies u mhux it-tliet imputati biss. Tghid illi wiehed mill-imputati laqatha imma hi ma tghatx kas dak il-hin.

Tghid illi dak il-hin fil-bar kien hemm hafna nies. Tghid illi huma jmorru hemm regolari, pero' dak iz-zmien iktar ikun hemm nies li jibqghu sejrin wara *staff parties* u ghalhekk ikun iktar *crowded*. Tghid illi dak inhar Curmi kien rega' laqatha u ma qaltlu xejn. Izda f'hin minnhom dan gie jofroq lilha u lil Kevin u lil Kevin tajjarlu l-birra li kellu u xarrabhom. Kevin qallu "Bil-mod xbin" u dak saqsa lil Kevin u qallu *"jien lilek missejtek?"* u Kevin qallu "*le, imma ara kif imlejtna kollha birra*". Dan rega saqsih l-istess mistoqsija. Imbaghad f'daqqa wahda ghamel idejh ma wiccu.

Tghid li mbaghad lil Kevin tah daqqa ta' ponn u dak il-hin qamet kommossjoni kbira. Tghid illi l-Kevin bdew izommuh u hi marret hdejh biex izzommu kalm. Tghid illi x'hin marret hdejn Kevin sabitu kollu demm. Tghid illi lil Kevin ghamlulu sitt punti go wiccu barra l-punti li kellu fuq gewwa wkoll. Tghid

illi dak il-hin Kevin beda jghidilha *"ara x'ghamluli!"* u li kien taht *shock.*

Tghid illi fil-pront dahlu xi tmien (8) *bouncers* dak il-hin u hi bdiet tghajjat ghall-pulizija ha tirraporta. Tghid illi l-*bouncers* dak il-hin qalulha biex iccempel ghall-ambulanza mhux lill-pulizija.

Tghid illi dak il-hin telghu lejn Burger King ghax bdew jindikawlha li l-ambulanza kienet qeghda hemm fuq. Tghid illi dak il-hin Kevin neza' l-flokk biex izommu ma' wiccu ghax beda niezel hafna demm u beda jistordi wkoll.

L-ambulanza ma kinitx hemm u allura ddecidew li tiehdu l-isptar hi bil-karozza taghha. Tghid illi poggietu f'dahla ta' garaxx u marret iggib il-karozza mill-Eden car park. Tghid illi ta' dan hemm ix-xhieda ghax hemm il-cameras. Tghid illi lil Shirley cemplitilha biex tinzel immedjatment jekk riedet min iwassalha. Imbaghad gabru lil Kevin u telqu l-isptar. Tghid illi fit-triq cemplet ukoll lil ohtha biex tmur tghinha.

Tghid illi dak il-hin, x'hin dahlet l-isptar inqalghet kunfuzjoni shiha. Ghaliex marru fuqhom hamsa (5) jew sitt (6) irgiel. Tlieta minnhom huma l-imputati prezenti.

Tghid imma li t-tnejn l-ohra m'humiex qeghdin hawnhekk fl-Awla. Pero' tiftakar il-hwejjeg li kienu liebsin u kienu wkoll

tkellmu m'ohtha wara u qalulha li ma kellhomx x'jaqsmu. Tnejn jew tlieta minnhom bdew izommu lil Kevin tnejn ohra tefghu lilha ma' kolonna u bdew ituha bis-sieq.

Tghid illi lilha kisrulha idejha mill-polz. Tghid illi dak kollu dokumentat fir-rapport, kellha daqqiet go saqajha u tbengil bla hniena. Tghid illi lilha hadd ma beda jaraha ghax tal-Group 4 u s-Securtity daru ma' Kevin u l-irgiel l-ohra u hi kienet wara l-kolonna u dawn baqghu ituha bis-sieq. U dan sakemm waqqfuhom is-*securities* tal-Group 4 u wara gew il-pulizija. Tghid illi dawn it-tnejn li sawwtuha kienu Tony Curmi u Albert Tabone. Wara tghid illi dawn ukoll wara marru ghal kura.

Tghid illi l-pulizija kienu qalulhom biex izommu l-mobile mixghul ghaliex l-Ispettur kien ser jibghat ghalihom jew l-Ghassa ta' San Giljan jew San Gwann. Fir-rigward ta' l-imputat Louis Vassallo, tghid illi dan ilu miggieled mal-habiba taghha ghalkemm ma tafx x'kienet il-kwistjoni ta' bejniethom.

Tghid illi go Flashback tiftakar biss illi beda l-glieda ma' Shirley Cassar u bdew jghajtu go wicc xulxin.

Tghid illi fit-21 ta' Dicembru sbieh it-22 ta' Dicembru inqalghet din il-glieda u illi hi baqghat tittama li ser jibghatu ghaliha l-pulizija. Imbaghad fl-24 ta' Dicembru marret l-ghassa tal-Imsida izda qalulha li kellha tmur San Giljan. San Giljan qalulha biex tmur l-ghassa ta' San Gwann u hemm qalulha li kellhom

jibaghtu ghalihom. Tghid illi kienet marret ghand l-avukat taghha u dan kien cempel lill-Ispettura u sussegwentement din cemplitilhom u talbithom jghidu l-verzjoni taghhom minn fuq il-mobile, haga li mhux normali.

Konsegwentement regghet kellmet lill-avukat taghha li rrabja hafna li dawn l-affarijiet damu gimgha sakemm bdew jittiehdu passi. Izda mbaghad f'daqqa wahda telghu il-Qorti b'urgenza s-Sibt wara nofsinhar.

Tghid illi hi u Kevin ittiehdu l-Qorti bil-karozza tal-Pulizija u x'hin waslu l-Qorti ndunat li hi kienet akkuzata.

**Amanda Abela regghet** xehdet fil- 5 ta' Lulju, 2013. Tghid illi dak inhar li kienet giet aggredita, kienet kisret idejha.

Tghid illi barra l-ksur kellha hafna tbengil, l-aktar fuq in-naha ta' wara, ghaliex hi qalghet hafna daqqiet ta' sieq. L-aktar li kellha fuq wara taht il-warrani. Id-daqqiet kienu l-aktar fuq il-lemin u dan ghaliex hi tkebbe bhal ballun u bdiet tipprova tipprotegi wiccha. Kellha wkoll grif ma' sieqha ghax huma gibduha.

Qalet illi bhala ksur fl-ghadam ghamlet progress kbir, it-terapija waqqfuhielha wara ftit zmien u mhix mugugha. Tghid izda li moralment ghadha ssofri *flashbacks* ta' dakinhar,ghaliex qatt ma stenniet li jinqala' dan kollu.

Tghid izda li min dakinhar bdew johorgulha tbajja’ homor ma’ gisimha u tahseb li dan ghandu x’jaqsam max-xokk li kienet hadet, pero’ ghadha ma tistax tghid u fil-fatt l’ghada kellha tmur ghand il-professur biex tkun tista’ tikkonferma.

Tghid illi minhabba l-ksur kien rahha tabib dakinhar u li jekk ikollha terga’ tarah taghrfu.

In kontro-ezami, x-xhud qalet illi hi ghandha tliet ahwa bniet, wahda jisimha Dianne Baldacchino, Dorianne Acaia u Marvic Baldacchino. Tghid illi wahda minnhom hija Security mal-Group4 u din hija Marvic Baldacchino. Ghall-kuntrarju ta’ dak suggerit lilha, tghid illi hi dakinhar meta kienu Mater Dei mhux waqghet imma waqqghuha.

**Amanda Abela** regghet xehdet fit-3 ta’ Marzu, 2015. Tghid illi dakinhar ta’ l-incident meta kienu qeghdin Flash Back, hi kienet qeghda ezatt ma’ genb il-*boyfriend* taghha Kevin Bray.

Tghid illi sakemm inqala’ l-incident ma kellha ebda idea fejn kien qieghed Tony Curmi qabel. Tghid illi l-incident beda peress li Tony Curmi waqqa’ l-birra fuq Kevin, Kevin intefa’ lura u qallu *“ara x’ghamiltli bil-birra”* u hi dak il-hin kwazi lanqas indunat li kienet imxarrba bil-birra.

Tghid illi dan l-incident beda minhabba l-birra. Tghid illi fl-ebda hin ma rat demm fuq wicc Tony Curmi u tghid illi waqt li kienu l-isptar ma setghatx tara kellux wiccu bid-demm u dan ghaliex mar fuqha bla hniena u qabad isawwatha u ma kellhiex cans tarah. Tghid li tiftakar li kien inqalghet kommozzjoni kbira u kien mar wiehed mill-*bouncers* li kien prezenti. Tghid illi ma tiftakarx li Tony Curmi kellu farrett f'wiccu, tghid imma li meta marru Mater Dei hu kien diga' qieghed hemm.

Tghid illi l-incident sehh hdejn kollona u kien hemm purtiera l-isptar ghax kien qieghed isir xi *refurbishment*.

**Spettur Rosanne Debattista** xehdet fid- 9 ta' Jannar, 2013. Tghid li dakinhar kien hemm zewg *grevious bodily harms,* u peress li l-vitmi kienu Maltin u li ma jafux lil xulxin ma arrestathomx u iddecidiet li tressaqhom bic-citazzjoni bil-mod kif normalment jaghmlu. Tghid illi f'daqqa wahda inqala' paniku shih ghaliex Dr. Franco Debono ppretenda illi hija kellha tarresta parti u mhux ohra. Tghid li m'hu vera xejn li talbithom jaghmlu *statement* min fuq it-telephone.

Tghid illi hi irceviet rapport u li l-ewwel rapport kien ta' Amanda Abela, imbaghad mar ghamel rapport is-Sur Tony Curmi u iproduca certifikat ta' *grevious bodily harm*. Tghid illi Sur Curmi mar min jheddu l-Ghassa. Tghid illi jidhirlha li Amanda dak il-lejl stess ghamlitu r-rapport. Spjegat illi s-Sur

Curmi l-ewwel ipprezenta certifikat u wara ghamel ir-rapport. Ziedet li hu ma kienx jaf li jrid jaghmel rapport u ghalhekk kien taghhom ic-certifikat biss, imbaghad wara ghamel ir-rapport.

Tikkonferma li s-Supretendent Stephen Gatt mar jara r-*recordings* ta' Mater Dei, izda mis-CCTV *recordings* ma jidher xejn. Tghid illi l-pulizija la tkellmu mas-*securities* li kienu xoghol dakinhar l-isptar u lanqas ma' nies ohra, anzi tghid li waslu hemmhekk wara l-incident.

**L-Ispettur Roseanne Debattista** regghet xehdet fis-26 ta' April, 2013. Hija esebiet c-certifikat tat-twelid ta' Albert Tabone bhala **DOK ATI,** certifikat tat-twelid ta' Tony Curmi **DOK AT2** u certifikat tat-twelid ta' Louis Vassallo **DOK AT3**.

**L-Ispettur Rosanne Debattista** ghal darb ohra xehdet fil- 5 ta' Awwissu, 2014. Tghid illi huwa minnu li dan il-kaz beda wara zewg incidenti, wiehed gewwa l-istabbiliment Havana f'Paceville u iehor gewwa l-isptar Mater Dei. Hi giet infurmata bihom l-ghada. Tghid illi dak iz-zmien hi kienet stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Tghid illi l-incident in kwistjoni sehh ghall-habta ta' nofs il-lejl u hi hienet infurmata xi tliet (3) sieghat wara. Tghid illi dak il-lejl kien hemm xi hames kazi ta' *grevious bodily harm* u tiftakar li kien il-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Dicembru 2012. Bdiet tissortja kull kaz ghalih billi kienet giet avzata mill-Pulizija stess u ghalhekk bdiet tinvestiga

kull kaz billi tigbor l-informazzjoni relattiva. Tghid illi n-nies involuti kienu kollha Maltin.

Tghid illi huwa minnu illi Tony Curmi kien li ta allarm fuq dan l-incident. Kienet hi flimkien mal-Ispettur Trevor Micallef li nvestigaw dan il-kaz. Tghid illi uhud minnhom investigathom hi u uhud minnhom l-Ispettur Trevor Micallef u dan peress li kien hemm investigazzjoni dwar kawza ohra ghaddejja ukoll.

Ikkonfermat illi lil Amanda Abela kienet kellmitha hi u jekk mhix sejra zball lil Tony Curmi kienet hi wkoll li kellmitu. Qalet li ghalhekk kienet hadet il-verzjoni ta’ Albert Tabone u ta’ Tony Curmi ukoll. Tghid illi rrizultalha li Tony Curmi qala’ daqqa ta’ tazza go wiccu, imbaghad faqqghet il-kwistjoni. Ziedet li fil-fatt il-*bouncers* tal-istabbiliment ma hargux ‘il barra lill-imputati odjerni, izda lil Kevin Bray u lil Amanda Abela. Tghid illi huwa minnu wkoll illi Tony Curmi sofra griehi gravi go wiccu.Tghid ukoll li hemm proceduri ukoll pendenti fil-konfront ta’ Amanda Abela.

Tghid illi Amanda Abela ma semmietihliex li kienet kissret idejha fl-incident ta’ Mater Dei. Tghid illi *identification parade* ma kienx hemm. Tghid illi waslu ghall-imputati odjerni ghaliex Tony Curmi kien ghamel Pirs Report, il-ko-akkuzati marru jaghmlu xi *query* fuqhha u ghalhekk waslu ghalihom. Tghid illi taf li l-imputati ma kienux wahedhom, izda kienu bhala klikka w kien hemm tlieta ohra maghhom u tghid illi fil-fatt Mater Dei

ma' Tony Curmi apparti l-ko akkuzati kien hemm shabu l-ohrajn.

Ikkonfermat illi fil-fatt il-partijiet ma kienux jafu lil xulxin qabel u waslu ghall-imputati by *elimination*. Tghid illi hi talbet li tinghata kopja tas- CCTV li hemm gol-istabiliment Flashback, izda rrizulta li l-camera kienet biss fuq il-cash u ghalhekk il-glieda ma nqabditx bil-camera. Tghid illi hi iccekjat ukoll mas-Securities tal-isptar u taf li s-Supretendent ezamina l-*footages* tal-isptar u hemm l-incident ma giex rapportat lanqas.

Tghid illi huma kienu ezaminaw uhud mis-*securities* tal-isptar. Tghid illi c-certifikati ta' Kevin Bray u Amanda Abela kienu waslu ghandhom ghaliex kienu haduhomlhom l-ghassa huma stess. Tghid illi hi ma haditx il-verzjoni ta' nies ohra pajzana li kienu fuq il-post tal-incident.

**Kevin Bray** xehed fid-9 ta' Jannar, 2013. Jiddikjara li gie mwissi mill-Qorti sabiex ma jwegibx ghal dawk id-domandi li setghu jinkriminawh. Cio' nonostatne ghazel li jixhed. Jghid illi dakinhar tal-21 ta' Dicembru huwa flimkien ma l-gharusa tieghu marru sa Paceville. Jghid illi hemmhekk kien hemm habiba tal-gharusa tieghu li jisimha Shirley u kien hemm ukoll l-imputat Louis Vassallo.

Jghid illi dan Vassallo beda jiggieled ma' Shirley, izda hu ma tax kaz, baqa' fejn kien, waqt li Amanda marret tikkalmahom. Qal li Vassallo dak il-hin kien vicin hafna tieghu. Amanda u Shirley marru t-toilet u gew lura. Jghid illi f'xi hin mar Tony Curmi hdejn il-bar u dahal quddiemu u ramielu l-flixkun tal-birra. Hu dak il-hin bl-edukazzjoni qallu "*aremm siehbi waqqajtli l-birra"* u l-iehor qallu bil-herra "lilek missejtek?" u hu wiegbu "le ma missejtnix...imma waqqajtli l-flixkun tal-birra". Kif qallu hekk, dak qabad it-tazza u faqaghhielu go wiccu.

Jghid illi dak il-hin beda hiereg hafna demm, gew il-bouncers u tefghuh jigri 'l barra. Jghid illi Amanda riedet li johorgu l-barra u haditu hdejn Burger King ghax hasbet li jkun hemm ambulanza. Hemmhekk kien hemm Land Rover u kien hemm tliet Pulizija tal-SAG u qalulhom li ma kienx hemmx ambulanza imma setghu icemplulhom ghal wahda. Izda huma riedu jmorru l-isptar malajr u ghalhekk marru ghall-karozza taghhom. Sakemm Amanda marrat ghall-karozza hu zamm il-flokk li kien liebes ma' wiccu sabiex kemm jista' jkun izomm id-demm. Ikkonferma illi xhin waslu l-Isptar kien hemm l-imputati u Louis Vassallo beda jghidlu "*ma tisthix tigi 'l hawn int"*.

Jghid illi lilu zammewh Louis Vassallo u tnejn ohra u qabdu jtuh, filwaqt li Tony Curmi u iehor bdew isawwtu lil Amanda. Jghid illi hu seta jarahom isawtuha ghax hu kien quddiemha,

ghalkemm kienu qeghdin wara kolonna. Jghid illi hu ried jghinha imma ma setax ghax bdew izommuh.

Tal-Group 4 u anke l-pulizija bdew izommuh ghax hasbu li kien hu li qed jaghti.

**Kevin Bray rega** xehed fil-5 ta' Lulju, 2013. Jghid illi hu garrab disa' punti go wiccu fuq in-naha tal-lemin, u ghalkemm qal li mhux mugugh, zied li pero' l-marka ha tibqa' ghal ghomru zgur. Jghid illi kienu t-tobba li kienu infurmawh li ser tibqa' marka ghal ghomru.

**Kevin Bray** xehed mill-gdid fit-3 ta' Marzu, 2015. Jiftakar illi f'dan l-incident li kien sehh ftit qabel il-Milied, huwa kien qed jghin fil-bar ta' Flashback u vicin tieghu kien hemm Tony Curmi. Jghid illi dak il-hin Tony Curmi dahal hdejn mal-bar, b'dahru lejn il-bar u li b'idejh kien qaliblu l-flixkun birra li kellu u filfatt xarrbu. Jghid illi effettivament ma jafx kif Tony Curmi spicca bil-griehi ma' wiccu u x'gara dak il-hin ma jafx ghaliex il-bouncers kienu marru fuqu u harguh 'il barra. Izda huwa cert li la dak il-hin u lanqas wara fl-isptar ma ra demm ma' wicc Tony Curmijew ma' hwejgu. Jghid illi meta dahlu Mater Dei hu u Amanda kienu wahedhom, u meta waslu l-isptar l-imputati odierni kienu diga'hemm.

Jghid illi mhux minnu illi Amanda kienet agitata jew furjuza. Jghid illi huma dahlu b'mod normali u tar-*reception* staqsewhom

biex jaghtuhom isimhom. Jghid illi dak il-hin mar fuqu Tony Curmi u qallu "ma tisthix tigi hawn", u beda jzommu waqt li Albert Tabone u l-ko-akkuzat l-iehor qabdu jaghtu lil Amanda. Jghid illi dak il-hin hu kien ftit 'l boghod minn Louis Vassallo meta Curmi u Tabone qabdu jghatu lil Amanda. Jghid illi pero' mhux minnu li marru fuqhom biex izommuhom milli jaghtu ghaliex effettivament bdew ituha minn xagharha. Jghid illi hu kien xi erba'piedi 'l boghod minnhom. Jghid li meta kaxkurha quddiemu raha, pero' imbaghad komplew wara purtiera.

Jghid illi huwa minnu pero' li s-*security* ta' l-isptar lilu zammewh u spjega li dan ghaliex hu kien kollu demm u Louis kien qed izommu u hasbu ghalhekk li kien qed jiggieled hu. Zied jispjega li peress li kienu tefghu lil Amanda wara l-purtiera ma rawhiex mal-ewwel. Hu x'hin rahom jaghtu lil Amanda attira l-attenzjoni lil tas-*security* li kienu qeghdin jaghtu l-gharusa tieghu. Jghid illi dak il-hin is-*security* ma setghux jarawha ghax kienet wara l-purtiera. Jghid illi hu ma' Louis ma ggelidx la bil-ponn u lanqas bl-idejn. Jghid illi hu kellu farrett f'wiccu li ghadu jidher sa llum fuq hugbejh.

**L-Ispettur Trevor Micallef** xehed fid- 9 ta' Jannar, 2013. Jghid li fid-29 ta' Dicembru 2013 ghal habta ta' l-ghaxra u nofs, il-hdax ta' fil-ghodu kien gie infurmat mis-Supretendent Stephen Gatt li l-Ispettur Rosanne Debattista kellha xi nies arrestati u biex jaghtiha l-assistenza tieghu. Jghid illi ghal habta ta' xil-hdax u nofs kien spjegalu x'incident kien inqala,cioe' dwar l-

incident li gara fit-22 ta' Dicembru dwar xi *grevious bodily harm* fejn kien qed jigi akkuzat li kien hemm xi tliet irgiel li hebbew ghal mara certu Amanda Abela u kkagunawlha griehi ta' natura gravi.

Jghid illi kien kellem lil partner ta' Amanda Abela dakinhar stess ghal habta ta' xi l-hdax u nofs u kien hadlu stqarrija . Prezenti kien hemm l-Ispettur Darryl Borg. Jghid illi tah is-solitu twissija ta' l-avukat, kien ukoll informah li ghandu dritt ma jirrispondix ghad-domandi li ha jsirulu. Pero' dan wiegeb ghad-domandi u wkoll ifirma l-istess stqarrija. Jghid illi kien spjegalu illi fit-22 ta' Dicembru waqt li hu u tfajla kienu qeghdin Flashback kien hemm wiehed, li iktar tard saru jaf li kien jismu Tony Curmi, li kien kissirlu tazza f'wiccu u ghamillu xi griehi. Kompla jghid wkoll li x'hin mar l-isptar, l-istess tliet irgiel kienu hemm u regghu daru ghalihom u anke ghamlu griehi lil Amanda fejn kisrulha jdejha.

Jghid illi mbaghad dahlet l-Ispettur Rosanne Debattista fejn kompliet tiehu l-istqarrijiet tal-ohrajn u ghalihom hu kien prezenti wkoll. L-ewwel stqarrija kienet ta' Tony Curmi u din tinsab a fol. 14 u 15 tal-atti . Hu gharaf il-firma tieghu, ta' Tony Curmi u ta' Ispettur Debattista.

Jghid illi l-istqarrija ta' Louis Vassallo tinsab a fol. 16 u 17 u ta' Albert Tabone a fol. 18 u 19. Jghid illi dawn kollha inghataw is-solitu twissija. Jghid illi qieghed jgharaf il-firem ukoll. Jghid illi

sussegwentament fl-investigazzjoni kien irizulta wkoll illi l-istess Amanda Abela kienet kissret ukoll tazza f'wicc Tony Curmi. Jghid illi hu kien qallu li kien qala' daqqa ta' tazza u wrieh ic-certifikat mediku. Ghalhekk ressquhom kollha taht arrest.

**PS157 Brian Mifsud** xehed fl-20 ta' Marzu, 2013. Jghid li fit-22 ta' Dicembru 2012 ghal habta tas-siegha, kien gie infurmat li kien hemm hames persuni li kienu *admitted* fl-emergenza ta' Mater Dei wara li dawn kienu nvoluti fi glieda gewwa Paceville u li kienu iltaqghu wkoll iz-zewg partijiet fid-Dipartiment ta' l-Emergenza u regghet sehhet glieda ohra bejniethom.

Jghid illi hu mar hemmhekk fejn l-ewwel tkellem ma Tony Curmi, Louis Vassallo u Albert Tabone. Jghid illi Tony Curmi kien qallu li huma kienu fil-parti ta' Havana imsejha Flashback, u li kienu qed jiehdu drink mal-bar, meta f'hin minnhom waqa' xi flixkun u resaq fuqhom ragel li wara gie dentifikat bhala Kevin Bray u beda argument verbali maghhom. Imbaghad f'daqqa wahda kien hemm persuna femminili, li aktar tard giet identifikata bhala Amanda Abela li resqet lejhom u tat daqqa ta' tazza lil Tony Curmi. Jghid illi Tony Curmi kompla jghidlu illi meta marru l-emergenza ta' Mater Dei regghu iltaqghu mal-parti l-ohra u kien hemm glieda ohra bejn iz-zewg partijiet. Ix-xhud jghid illi Louis Vassallo u Albert Tabone ikkonfermaw l-istqarrija li kien ta Tony Curmi.

Kompla jghid illi wara kellem lil Amanda Abela u lil Kevin Bray. Dawn ukoll qalu li kienu Flashback u li nnutaw li kien hemm xi persuni li kienu qed jargumentaw jew jiggieldu ma' certu Shirley Cassar u meta rat dan Amanda Abela marret fuq din Shirley Cassar u haditha lejn it-toilet.

Jghid illi skond il-verzjoni ta' dawn ta' l-ahhar wara xi ftit tal-hin huma kienu regghu marru hdejn il-bar u nhaslu b'xi birra u nnutaw lil dan l-istess grupp li kienu qed jargumentaw ma Shirley Cassar u li dan il-grupp kien tefa' xi flixken mal-art. Jghid illi Kevin Bray hawnhekk mar fuqhom u qallhom biex jiehdu hsieb u ra xi wiehed ixejjer idejh u spicca b'xi *injury* ma' wiccu. Jghid illi meta ghamel l-istqarrija tieghu, Kevin Bray kien cert li kien intlaqat b'tazza. Abela u Bray qalulu li meta waslu Mater Dei kien hemm it-tlieta l-ohra li kellhom argument maghhom gewwa Flashback u li dawn malli rawhom wiehed minnhom, li kien qasir, attakkahom imbaghad iz-zewgt ihbieb tieghu komplew fl-aggressjoni.

Jghid illi Amanda Abela qaltlu wkoll li qabel marret Mater Dei, hi ma kellha ebda griehi. Jghid illi l-Pulizija tkellmet ukoll ma' Shirley Cassar u li din qalet li taf lil Tony Curmi, Louis Vassallo u Albert Tabone ghax kienu iltaqghu l-gimgha ta' qabel, izda sa fejn taf hi ma kien hemm l-ebda argumenti bejnha u bejn dawn it-tlieta u kull ma taf rigward din l-glieda, kien li rat lil Kevin Bray bid-demm ma' wiccu. Ix-xhud esebixxa kopja ta' l-okkorrenza 6A/N/8617/2012 li giet markata bhala **DOK MB1**.

Ikkonferma li hija iffirmata minnu. Jghid izda biex jippreciza illi hemm bicca mhix tieghu. Hu r-rapport kitbu bl-ingliz, il-bicca li hemm bil-Malti mhix tieghu.

In kontro-ezami x-xhud qal li hu kien kellem lil Shirley fl-isptar go kamra wahedhom.

**Shirley Rose Cassar** xehdet fl- 20 ta' Marzu, 2013. Tghid illi dakinhar kienet qieghda hemmhekk ma' zewgt ihbieb taghha, imbaghad marret Amanda u l-gharus taghha u qalulha biex toqghod hdejhom izda hi qaltilhom li ha tibqa' hdejn dawk iz-zewgt ihbieb taghha. Kienet dahra lejhom.

Tghid illi wiehed mit-tliet imputati beda jghidilha *"mela ma tridx kliem?"* Spjegat li lill-imputati kienet iltaqghet maghhom gimgha qabel u li lil wiehed mill-imputati qaltlu li ma riditx tkellmu. Kien dak il-hin li Amanda qaltilha biex tmur hdejhom, izda hi riedet tibqa' hdejn iz-zewg irgiel l-ohra. Imbaghad wara certu hin daret u rat lil Kevin kollu demm u lil Amanda hdejh. F'xi hin ma rathomx iktar u ppanikkjat, imaghad kienet cemplitliha Amanda u qaltilha biex tmur il-car park u marru l-isptar.

Tghid illi dak il-hin kien hemm hafna tgegwigija, tghid illi fil fatt hi harget wahedha u nizlet sal-car park wahedha.

In kontro-ezami mill-avukat difensur ta' Tony Curmi u Albert Tabone, x-xhud ikkonfermat li wiehed mit-tliet imputati kien qalilha *"mela ma tridx kliem?"*, u hi kienet qaltu li le. Ma kienx hemm glied kbir. Tghid illi huma kienu *staff party* minn xi l-4:00 jew l-4:30 sa xi s-7:00. Hemmhekk kienet ma' Amanda. Wara Amanda wasslitha Paceville ghax kien hemm habiba taghha diga qieghda hemm. Tghid illi Amanda marret id-dar wara.

Tghid illi sakemm giet Amanda fil-bar hi kienet xorbot xi tnejn jew tlieta drinks u xi erba' kienet hadet qabel mix-xoghol. Tghid li d-drinks kienu Vodka.

Tghid li x'hin giet Amanda qaltilha biex tmur hdejhom, izda peress li Amanda ma kinitx wahedha hi baqghet fejn kienet. Tghid illi mbaghad marret Amanda u qaltilha biex imorru t-toilet. Tghid illi dan kien qabel inqala' l-argument. Ix-xhud qalet li ma rat lil hadd iktar bid-demm hlief lil Kevin. Tghid illi hi ghandha l-kugin taghha li hu *bouncer* hemmhekk u lilha ma rahiex hdejn Amanda u beda jghidilha biex tersaq 'l hemm ghax ma kienx jaf li qeghda maghhom. Nel frattemp lil Amanda u lil Kevin ma rathomx iktar sakemm cemplitilha Amanda.

**Dr. Edward Cherubino** xehed fit- 13 ta' Awwissu, 2013. Jghid illi c-certifikati esebiti fl-atti a fol 12 u 13 huma t-tnejn rilaxxati minnu, u kkonferma l-kontenut taghhom u l-firma tieghu fuqhom. Dwar il-griehi ta' Kevin Bray spjega li dan kellu qasma

f'hugbejh, u kellu bzonn sitt punti. Kellu qasma fuq widintu l-leminija, kellu qasma fuq nofs rasu u kellu wkoll naqra grif fuq idejh 'il fuq. Jghid illi dawn huma deskritti bhala *grievous.*

Dwar Amanda Abela jghid li din kellha ksur ta' idha l-leminija kif ukoll ftit grif fuq ghajnejha li wkoll hi kunsidrata bhala *grievous.*

In kontro-ezami jghid illi dakinhar ukoll kien ghamel ezami mediku lil Tony Curmi. Qal li dan kellu qasma fuq il-bicca ta' fuq ta' rasu, kellu bzonn tliet punti, kellu ftit grif ukoll fuq imniehru u ftit grif fuq in-nofs ta' mniehru w anke fuq in-naha leminija ta' imniehru. Bhala natura dawn il-griehi wkoll huma *greviou*s.

Huwa esebixxa certifikat mediku ta' Tony Curmi li gie mmarkat bhala **DOK. EC 1.**

**PC1525 Patrick Farrugia** xehed fl-4 ta' Lulju, 2014. Jghid illi fuq l-inkarigu moghti lilu minn din l-istess Qorti b'digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2014 hu kien gie awtorizzat sabiex jirtira dokument numerat bhala KA2/13 u dana sabiex jiffotografah fid-dettal. Jghid illi illum jinsab f'posizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni tieghu maghmula ghal dan il-ghan liema relazzjoni giet esebita prezenzjalment u mmarkata mill-Qorti bhala **DOK PC**. Huwa rritorna wkoll dan l-istess esebit.

Semghet lill-imputati jixhdu minn rajhom.

**L-Imputat Louis Vassallo** kien irrilaxja stqarrija fid-29 ta' Dicembru, 2012.F'din l-istqarrija jghid illi hu ma jahdimx u li hu mizzewweg. Jghid illi dakinhar tal-incident wara nofs il-lejl kien tela' Paceville u mar il-Havana. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Amanda u Kevin ighid li ma jafhomx. Mistoqsi kemm kien xorob dak il-lejl iwiegeb illi dakinhar xorob xi erba' birra.

Ikkonferma illi dakinhar kien ma' Tony Curmi u Albert Tabone. Jghid illi qabel l-incident hu kellem lil habiba ta' Amanda, izda hu fl-ebda hin ma ghajjat jew offendiha. Jghid illi lanqas lil Amanda u lil Kevin m'offenda.

Spjega illi dakinhar kien hemm mara b'xaghra isfar li ma jafx min hi u kellha xi tghid ma' siehbu Tony u raha ttih daqqa ta' tazza. Imbaghad gew il-*bouncers* u keccewha minn hemm, izda lilhom ma kecciehomx.

Jghid illi meta kienu l-isptar hu mar ifferraq lil Tony minn ma' Amanda, imbaghad gew il-Pulizija. Jghid illi dan kollu beda ghax hi bdiet toffendih meta kienu l-isptar.

**L-imputat Louis Vassallo** xehed viva voce fis-17 ta' Novembru, 2014 u kkonferma illi kien mar Paceville dakinhar

tal-incident cioe' nhar it-22 ta' Dicembru 2012 u kien mar bil-karozza tieghu. Jghid illi meta mar Paceville iltaqa' mal-ko-akkuzati Albert Tabone u Tony Curmi li huma hbieb tieghu u jafhom ghax minn pajjizu. Jghid illi jiftakar li dakinhar kien qieghed jiehu drink gewwa l-istabbiliment, u kien dahal gewwa Havana, tkellem mal-ko-akkuzati li kienu madwar il-bar. Jghid illi f'xi hin ra kommozzjoni u ra lil Amanda titfa' tazza fid-direzzjoni ta' Tony Curmi.

Jghid illi hu lil Amanda jafha bhala Parte Civile. Zied jghid illi effettivament Tony Curmi kien gie milqut b'din it-tazza u kellu n-naha tal-lemin ta' wiccu, fuq ghajnejh, imwegga', tant illi fil-fatt spicca bid-demm f'wiccu. Jghid illi hu lil Amanda Abela ma kienx jafha, izda appena twaddbet din it-tazza inqalghet kommozzjoni u jghid li fil-fatt kien hemm rassa. Jaf illi l-*bouncers* tefghu lil Amanda Abela u shabha 'l barra.

Jghid illi hu lanqas lil Kevin Bray ma kien jaf u illi dakinhar lil Bray ma kienx kellmu. Zied li wara l-incident huma baqghu Havana mbaghad marru l-isptar minhabba Tony.

Jghid illi hu kien maz-zewg ko-akkuzati, meta marru l-isptar u ftit wara dahlet Amanda. Dak il-hin huma kienu bilwieqfa. Jghid illi effettivament dahlet Amanda u kien hemm xi provokazzjoni. Din dahlet ma' Kevin Bray. Jaf li fl-isptar kien hemm xi skambju ta' kliem bejn Tony Curmi u Amanda Abela u jghid illi Amanda sahansitra anke offendiet lil Tony Curmi.

Zied li mbaghad Tony Curmi mar ghas-sodisfazzjon fuq Amanda u gew f'xulxin. Jghid illi hu fl-ebda incident ma kien involut, la dak ta' Havana u lanqas dak tal-isptar.

Jghid illi hu ra feriti fuq wicc Kevin Bray sakemm kienu Havana, pero' mistoqsi kif gew jghid illi ma jafx. Jghid illi hu ma jiftakarx xi kliem kien intqal bejn Amanda u Tony, izda zied li huwa minnu li Curmi kien mar ghas-sodisfazzjon wara li Amanda kienet offenditu. Jghid illi hu ma ra l-ebda feriti fil-konfront ta' Amanda waqt li kienet ghadha fil-*waiting room* fl-isptar. Jghid illi mhux minnu li wara l-incident hu tkellem ma' Amanda Abela u jghid li qatt ma kellimha wara l-incident. Jghid illi l-*bouncers* kienu hargu lil Kevin u lil Amanda b'forza minn Havana.

**L-Imputat Albert Tabone** irrilaxja stqarrija fid-29 ta' Dicembru, 2012 fejn stqarr illi hu ma jahdimx u li hu guvni. Ikkonferma illi dakinhar tela' Paceville wara nofs il-lejl u mar Havana quddiem il-bar.Mistoqsi jekk jafx lil Amanda Abela u lil Kevin Bray, wiegeb li ma jafhomx. Jghid illi dakinhar xorob xi tlieta birra u kien qieghed ma' Tony Curmi u ma' Louis Vassallo.

Jghid illi qabel l-incident kien kellem lil habiba ta' Amanda ghaliex kien iltaqa' maghha l-gimgha ta' qabel, ghalkemm cahad li offendiha jew ghajjat maghha. Cahad ukoll illi waqt li kien quddiem il-bar kien offenda lil Amanda u lil Kevin, jew li

laqathom jew li hu u shabu bdew idejquhom. Irrakkonta li dakinhar hu ra mara b'xaghrha isfar taghti daqqa ta' tazza lil Tony, f'daqqa wahda gew il-*body guards* u lilu hallewh hemm. Jghid illi lill-mara b'xaghrha isfar u lil sehibha l-bouncers harguhom 'il barra.

Jghid illi qabel l-incident la kien kellem u lanqas offenda lil Amanda u Kevin, anzi lanqas resaq lejhom. Jghid illi meta kienu l-isptar hu warrab ghaliex ma riedx jidhol fil-bicca ghax ma kellux x'jaqsam.

**L-imputat Albert Tabone** xehed viva voce il-Qorti nhar id-19 ta' Jannar, 2015. Jghid illi dakinhar tat-22 ta' Dicembru 2012 hu kien hareg flimkien mal-ko-akkuzati Louis Vella u Tony Curmi. Jghid illi huma kienu iddecidew li jitilghu Paceville. Jaf li f'hin minnhom dahlu f'istabilliment maghruf bhala Flash Back. Jghid illi dan huwa post ta' divertiment dejjaq hafna. Spjega illi huwa gab flixkun birra u ntefa' mal-hajt, imbaghad ra lil Curmi u lil Vassallo li kienu faccata tieghu fil-Bar. F'hin minnhom kien imissu biex jixtri *round drinks* hu u ra koppja, cioe' lil Kevin Bray u Amanda Abela imqabbdin ma' Louis Vassallo. Jghid illi sar jaf x'jisimhom tul dawn il-proceduri odjerni. Jghid illi f'hin minnhom ra tazza ghaddejja fid-direzzjoni ta' Tony Curmi. Din kienet gejja minghand Amanda. Jghid illi fejn kien hu ma kellux ghalfejn jindahal ghaliex kien hemm folla nies.

Jghid illi fil-fatt kien hemm il-*bouncers* u hargu lil Kevin u lil Amanda ‘l barra. Hu baqa’ fl-istabiliment normali. Ikkonferma li sa dakinhar hu ma kienx jaf min huma Kevin u Amanda u kien dakinhar l-ewwel darba li rahhom. Jghid illi lilu hadd ma qallu xejn peress li ma kien iggilied. Jghid illi mbaghad mar hdejh Tony Curmi kollu dmija u b’farrett fuq rasu u bil-flokk mimli demm u talabhom jiehduh l-isptar. Jghid illi huma kienu telghu b’karozza wahda u filfatt haduh l-isptar.

Jghid illi kien hemm tnejn ohra maghhom, certu Marco Mizzi u iehor Sascha li ma jafx x’kunjomu. Jghid illi qaghdu bil-qeghda jistennew sabiex Tony Curmi jilhaq jirregistra ruhu u jigi mdewwi. Wara x’hin dahlu Amanda u Kevin, jghid li semaghhom jghajjtu u mbaghad regghat inqalghet glieda.

Jghid illi hu ra lil Tony Curmi u lil Amanda Abela mqabbdin f’xulxin. F’din il-glieda li nqalghet l-isptar jghid li kien hemm aktar nies involuti li ma kienux fil-glieda ta’ Paceville.

Jghid illi l-glieda twaqfet mill-Pulizija u li waqt lit-tobba kienu qed idewwu lil Tony Curmi gie l-Pulizija fuqhom u staqsewhom x’kien gara u hadulhom isimhom. Huma minghalihom li l-istorja kienet spiccat hemmhekk, imbaghad spiccaw il-Qorti. Jghid illi *staff security* wiehed kien hemm, pero’ kien hemm aktar nies fil-*waiting room* qed jistennew.

Mistoqsi x'ried iffiser meta qal li hu kien faccata ta' Vassallo u Curmi meta kienu Flash Back, jghid illi hu ma kienx mal-bar. Jghid illi kien qieghed xi ghaxar piedi l'boghod. Jghid illi Flash Back dak il-hin kien mimli nies u bejn fejn kien hu w fejn kienu Curmi u Vassallo kienu ghaddejjin in-nies ghax kien qisu passagg. Kif beda l-incident bejn Louis u Amanda ma jafx, innota pero' li f'daqqa wahda kien hemm tgegwigija u li hu ra tazza ittir ghal wicc Tony Curmi mid-direzzjoni ta' Amanda. Dawn kienu vicin hafna ta' xulxin, pero' t-tazza xorta raha ttir. Zied pero' li ma ra l-ebda tazza tinfaqa' f'wicc Kevin Bray, u sakemm kienu hemm lanqas il-fertiti li dan kellu ma ra, rahom biss meta kienu l-isptar, cioe' ra li kellu d-demm fuq wiccu. Mistoqsi jekk jafx li Amanda f'xi hin kienet mal-art gewwa l-isptar, qa li hu rahom kollha f'daqqa f'xulxin, pero' ma rahiex fl-art. Cahad li hu taha bis-sieq waqt li kienet fl-art jew li ried imur ghaliha waqt li kienet hierga mill-isptar.

L-Imputat **Tony Curmi** kien irrilaxxja stqarrija fid-29 ta' Dicembru, 2012. Jghid illi hu jahdem fil-kostruzzjoni u li mhux mizzewweg. Jghid illi dakinhar tal-incident kien Paceville f'nofs il-lejl nieqes kwart u mill-ewwel mar Havana. Jghid li lil Amanda Abela u lil Kevin Bray hu ma jafhomx. Jghid li dak inhar xorob xi hamsa birra.

Spjega illi dakinhar kien ma' Louis u Albert. Jghid illi xi ftit jiem qabel hu, Louis Vassallo u Albert Tabone kienu kellmu lill-

habiba ta' Amanda u shabha. Jghid illi sa fejn jaf hu jiccajtaw kienu qeghdin.

Jghid illi meta kien mal-bar u kien hemm Amanda u Kevin, hu la offendihom u lanqas ma dejjaqhom.

Jghid illi fit-22 ta' Dicembru 2012 kien qieghed jixrob mal-bar u Kevin Bray iccaqqlaq u nqalbu d-drinks li kien hemm fuq il-bar. Bray qallu li kien haslu. Jghid illi inqala' argument u Bray qabad jgholli lehnu filwaqt li Amanda lilu waddbitlu tazza go wiccu. Qal li mbaghad hu qabad tazza u taha biha lil Bray. Marru l-bouncers u keccew lil Amanda u lil Kevin minn Havana. Jghid illi shabu wassluh l-isptar. Wara xi kwarta dahlu u Kevin u Amanda regghet qabdet toffendih u hu mar ghaliha. Jghid li hu qabad jaghti ma' Amanda sakemm ferrquhom. Jghid illi dan l-incident dam madwar 2 minuti. Jghid illi wara rah it-tabib u iccertifikah li kien qieghed ibati b'*grevious bodily harm*.

Jghid illi qabel l-incident hu ma kienx kellem jew resaq lejn Amanda u Kevin u li huma ma kinux heddewh. Jikkonferma illi meta kien mar ghal Amanda, kien mar wahdu.

**Tony Curmi** xehed fis-26 ta' Mejju, 2015. Jghid illi f'jum minnhom qabel il-Milied 2012 hu kien mar Paceville flimkien mal-ko-akkuzat Albert Tabone u tnejn min-nies ohra u dan kien qabel nofs il-lejl. Dahlu go stabbiliment maghruf bhala Havana. Jghid illi xi tlett kwarti wara li dahlu, waqt li kienu mal-bar, giet

persuna, cioe' Kevin Bray, u dan dahal f'nofshom u hu resaqlu, Waqt li dan kien hiereg, qaleb id-drinks, qabad dar lejh u beda jghajjat mieghu. Hu qallu li hu lanqas biss kien iccaqlaq, anzi resaqlu biex ihallih jidhol bejniethom biex jixtri, w anke li kien haslu bid-drinks. Jghid illi dak il-hin qabdu argument, kien hemm Amanda u garatlu tazza u laqtitu f'mohhu u nkisret. Jghid illi biex jiddefendi lilu n-nifsu qabad tazza u garaha u laqat lil Kevin Bray. Jghid illi hu lil Amanda u lil Kevin ma kienx jafhom qabel dakinhar u jghid li dakinhar Kevin u Amanda ma kienux wahedhom. Filfatt jghid illi din it-tfajla li kienet maghhom bdiet taqbad ma' Louis Vassallo u bdiet tghidlu "ma gejtx tghidli caw!" ghaliex kienu iltaqghu l-gimgha ta' qabel. Jghid illi jaf li mbghad marret Amanda u haditha 'l hemm. Jghid illi hu baqa' hemm imma mbaghad siehbu qallu ahjar immorru l-isptar ghax hiereg hafna demm.

Jghid illi marru l-isptar, irregistraw u wara ghoxrin minuta dahlu Kevin u Amanda. Qal li dak il-hin din dahlet ghas-sodisfazzjon u jghid li fil-fatt dahlet qisha ghadha rrabjata. Jaf li dak il-hin bdiet tidghi u tirrabja u fil-fatt Louis dar fuq Kevin u qallu "anke hawn gejtu ghall-glied!". Jghid illi mbaghad avvicina lil Amanda u bdew jargumentaw. Spjega illi Kevin Bray mar u regghu qabduha. Stqarr li hu qabad lil Amanda minn xagharha u ferrquhom is-security.

Jghid li l-incident ta' l-isptar dam ftit sekondi, jghid fil-fatt kien hemm hafna pulizija. Jghid illi huwa minnu li waqt li kienu l-

isptar hu kien mar fid-direzzjoni ta' Amanda. Ikkonferma illi dak il-hin Kevin kien prezenti u kien hemm ragel u mara ohra maghhom, l-istess nies li kienu maghhom Paceville. Jghid li Kevin fil-fatt ma kienx vicin tieghu, kien qieghed hdejn Amanda. Jghid illi minnfuh gew is-security u l-pulizija.

Ma jafx x'hin kienu waslu Havana, izda jista' jkun li kienu xil-hdax neqsin kwart. Jghid illi jiftakar li l-incident sehh mill-Gimgha ghas-Sibt ta' qabel il-Milied, pero' mhuwiex cert jekk kinitx lehqet ghaddiet l-ewwel tas-sena meta tressaq il-Qorti. Jghid illi jaf pero' li kienu ghaddew ftit jiem mill-incident ghal meta baghtu ghalihom il-pulizija u ghamlu l-istatement taghhom.

In kontro-ezami jghid illi ma kinux marru f'xi post iehor qabel il-post tal-incident, pero' jaf li ltaqghu Hal Tarxien izda ma kenux marru jixorbu. Id-drink li waqqa' Kevin kien taghhom u kienu qeghdin jixorbuh mal-Bar. Jghid u jikkonferma li Kevin beda jiggieled maghhom ghax waqqalhom d-drinks u haseb li hasluh. Jghid illi mhux minnu li kienu huma li bdew il-glied ma' Kevin ghax kien waqqaghlhom id-drinks u kkonferma li hu u Kevin ma kienux jafu lil xulxin. Rega' kkonferma li Kevin kien waqqa' d-drinks bil-glekk. Jghid illi Amanda dak il-hin kienet warajh mhux boghod u mal-bar kien hemm hafna nies.

Jghid illi huwa minnu li Amanda taghtu daqqa ta' tazza ghalxejn ghaliex Kevin kien waqqaghlhom id-drink. Jghid li ghamlet hekk sabiex taqbez ghall-gharus taghha Kevin, ghaliex dak il-hin

kienu diga' qabdu argument hu u Kevin. Jghid illi mhux veru dak li qed jigi ssuggerit lilu li hu kien tefa' t-tazza l-ewwel imbaghad Amanda qabdet it-tazza biex tiddefendi lill-gharus taghha. Jghid li meta qabdet it-tazza hu u Kevin kienu diga' imqabdin f'xulxin. Jghid illi l-ewwel qala' d-daqqa hu mbaghad ta daqqa lil Kevin.

Jghid illi ma tax kaz jekk Kevin kellux dmija jew le. Huwa minnu li l-isptar huma waslu qabel qabel Amanda u Kevin. Jerga' jikkonferma li Amanda kienet marret fuqu ghas-sodisfazzjon. Jghid illi hu lil Kevin ma tax kasu u li mhux minnu li hu kaxkar lil Amanda minn xagharha. Jghid li mhux hu kisrilha idejha imma jista' jaghti l-kaz li zelqet.

Jghid illi hu qabad lil Amanda minn xagharha meta raha sejra ghal fuqu, mbaghad marru l-Pulizija. Jghid illi l-ko-akkuzati kienu mieghu l-isptar, u jghid illi l-isptar hu biss kellu x'jaqsam fil-glieda. Muri **DOK PC a fol. 164** jghid li dak kien il-flokk ta' taht li kien libes dakinhar u jghid li kien mimli demm u fuqu kellu flok iehor u gakketta.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2015 id-difiza talbet li f'dawn il-proceduri jigu nseriti x-xhieda moghtija minn Mark Mizzi fl-4 ta' Jannar 2009 u minn Luke Galea fil-5 ta' Lulju 2013 fil-kawza "**Il-Pulizija vs Amanda Abela**" sabiex dawn jifformaw parti integrali mill-atti tal-proceduri odjerni u l-Qorti wara li rat

li l-prosekuzzjoni ma kellhiex oggezzjoni laqghet it-talba tad-difiza u ordnat li tali xhieda tigi inserita fl-atti odjerni .

**Mark Mizzi** kien xehed fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **<u>il Pulizija vs Amanda Abela</u>** fit-13 ta' Awwissu, 2013. Jghid illi dakinhar dahal go pub f' Paceville u kienu hamsa hu, Tony, Sacha, u Louis u kienu qeghdin mal-bar. Faccata taghhom kien hemm tliet tfajliet u wahda minnhom kienet marret fuq Louis u bdiet tghidlu xi haga. Dak il-hin ma kienx jaf x'inhi tghidlu. Jghid illi hu haseb li kienet tafu. F'xi hin semghu jghidilha "mur 'l hemm issa."

Jghid illi qed jgharaf dawn in-nies fl-Awla, is-sinjura jisimha Amanda u l-iehor ma jafx x'jismu. Jghid illi tkellmu maghhom ghal ftit hin ghax kienu faccata taghhom u kienu qeghdin kollha mal-bar.

Ikkonferma li huma kienu qeghdin Flash Back. F'xi hin induna li warajh inqaghlet glieda, u hu kien dahal biex iferraqhom, jghid illi waqt li gew il-*bouncers* u gibdu wiehed 'l hemm u l-iehor 'l hawn u kien dak il-hin illi Amanda garat it-tazza fid-direzzjoni tieghu, izda lilu ma laqtitux. Jghid illi wara ftit tal-hin induna li Tony kellu daqqa ro gasu u kellu d-demm.

Jghid illi l-bouncers ma hargux lilhom 'il barra, izda lil Amanda u lil min kien maghha. Jghid illi hu qal lil Tony biex imorru l-isptar u wara li kienu ilhom hemm xi 20 minuta jew kwarta,

nfetah il-bieb u dahlu lil Amanda u l-gharus taghha u kienu ser jerghu jiggieldu ghax Louis beda jghidlu '*fottejtilna l-pjacir'* u hafna kliem ta' glied.

Stqarr illi Amanda kienet ukoll l-isptar. Izda ma jafx x'kienet qeghda taghmel ghax hu raha diehla biss. Jghid illi x'hin gie l-Pulizija hu qalilhom li kien qieghed iferraq qieghed u l-Pulizija qalulu '*iva nafu poggi bil-qeghda issa'*.

Jghid illi hu ma jafx min beda l-glieda fil-bar ghax kien qieghed ihares 'il barra. Jghid illi s-sitwazzjoni kienet ikkalmat ghal ftit sekondi meta Amanda garat it-tazza lejn in-naha tieghu u laqtet lil Tony li kien warajh go mohhu. Dan imtela bid-demm. Imbaghad il-bouncers hadu lil Amanda u lil Kevin, waqt li huma baqghu hemm u mbaghad qal lil Tony biex imorru l-isptar.

Qal li l-isptar kien hemm izjed nies l-isptar izda ma jafx jekk kinux jafu lil Amanda u Kevin. Hu mar fuq Kevin ghal Louis beda jidghi u jghajjat minn bilqeghda izda ma tax kaz x'kien qed jigri minn Amanda.

In kontro-ezami jghid illi hu resaq minn mal-bar biex jidhol Kevin, aktarx biex jixtri xi haga, izda hu ma setax jarah ghaliex kien tah dahru. Amanda kienet hdejn Kevin. Jghid illi lil Kevin rah bid-demm wara x'hin mar iferraq lil Tony u lil Kevin. Jghid illi Amanda waddbet it-tazza x'hin kienet waqfet il-glieda.

Jghid illi hu mar l-isptar ma' shabu izda mhux minnu li tkellem ma' xi hadd mill-familja ta' Amanda.

Mistoqsi jekk jaqbilx illi hu qal lil oht Amanda illi hu ma ra xejn dakinhar, jghid illi jaqbel. Jghid illi hu l-Emergenza lil Kevin zamm, u dak il-hin Kevin kien qieghed izomm wiccu.

**Luke Galea** xehed fil-5 ta' Lulju, 2013 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Abela** u spjega illi dakinhar l-isptar kienu dahlu hamsa min-nies. Tlieta minnhom huma l-imputati odjerni. Imbaghad xi 10 minuti wara dahlu l-ohrajn, it-tnejn li qeghdin prezenti fl-Awla wkoll. Jghid illi x'hin dahlet Amanda mill-ewwel ikkonfrontat lill-ohrajn u l-iehor ghamel l-istess. Qal li wiehed minnhom aggrediha izda kif ra hekk hu dahal gewwa biex issejjah lill-pulizija u sakemm hargu barra sab li kienu gew fl-idejn.

Jghid illi kienu gew fl-idejn, Tony Curmi, Amanda Abela u Kevin Bray. Jghid illi mbaghad gew il-Pulizija u bdew jifirduhom. Jghid u jikkonferma illi hu ra lil Amanda diehla u bil-kliem ikkonfrontat lil dawn il-hamsa. Jghid illi Tony Curmi kien imbutahha u li kienet kisret idejha wara dan l-incident.

Jghid illi hu l-ewwel ma ra kien grupp ta' hamsa. Jghid illi min dawn il-hamsa, tlieta qeghdin prezenti fl-Awla. Jghid illi wiehed minnhom, jigifieri Tony Curmi kien mcappas bid-demm.

Jghid illi d-demm kien fuq wiccu u anke fuq il-hwejjeg. Jghid u jikkonferma li kienet Amanda li ikkonfrontathom l-ewwel. Jghid illi t-ton taghha kien wiehed ta'glied u Tony beda jirispondiha verbalment.

Fil-25 ta' Frar, 2016 xehdet **Cetta Curmi**, omm l-imputat Tony Curmi. Qalet li dakinhar tal-incident hija kienet rieqda pero' semghet lil binha Tony diehel id-dar. Kien mimli demm, kellu d-demm fuq il-flokk. Staqsietu x'gara u wegibha li kienu weggghuh. Ikkonfermat li d-dokument a fol. 164 immarkat bhala dokument PC huwa l-flokk ta' taht li kien liebes binha dakinhar tal-incident. Qalet li hija kienet qabdet u haslitulu u wara li nhasel gie jidher kif muri fid-dokument.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u rat li fis-seduta tal 4 ta' Mejju l- partijet awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:-

1.Illi nhar it-22 ta' Dicembru 2012 Amanda Abela u Kevin Bray kienu marru gewwa il-bar maghruf bhala Flashback gewwa Paceville sabiex jiltaqghu ma' habiba ta' Amanda, certu Shirley, li wkoll kienet hemmhekk.

2.Jirrizulta li Amanda u Kevin marru hemm wara li kienu qeghdin f'festin iehor stante li kien zmien il-Milied, u hemmhekk Amanda tghid li kienet hadet biss drink wiehed.

3.Ghall-habta ta' nofs il-lejl (12.00a.m.) inqala' incident gewwa l-istabiliment Flashback, fejn Curmi laqat xi tazza bil-birra u min kien hemm fil-madwar ixxarrab bil-birra u inqalghet kommozzjoni. Jirrizulta li l-imputat Tony Curmi spicca ferut u daqstant ftit wara spicca ferut Kevin Bray peress li Tony Curmi tah xi daqqa f'wiccu.

4. Jirrizulta bhala fatt li Curmi spicca ferut minhabba li Amanda Abela waddbet tazza fid-direzzjoni tieghu u laqtitu.

5. Skond Dr. Eileen Borg, Dermatologa nominata minn din il-Qorti sebiex tezamina il-ferita li kellu Curmi, din il-ferita kienet ta' natura hafifa.

6. Illi fil-lokal kien hemm ukoll hbieb ta' l-imputata li ma xehdux, apparti Shirley li xehdet u qalet li ma ratx l-incident ta' gewwa Flashback isehh, u Tony Curmi kien ma' shabu li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri.

7. Illi in segwitu' jirrizulta li l-partijiet marru l-Isptar Mater Dei u rega' inqala' incident iehor fejn din id-darba Amanda Abela spiccat feruta w bi ksur, kif spjegat u kkonfermat minn Dr.

Cherubino kemm fic-certifikat mediku li rrilaxxja, kif ukoll meta xehed *viva voce* fil-Qorti.

8. Illi bhala feriti ghalhekk huwa minnu li Kevin wegga' waqt li kien gewwa l-istabiliment Flashback f'Paceville meta kif jghid Tony Curmi stess ta daqqa lil Kevin Bray sabiex jipprotegi lilu nnifsu waqt li Amanda Abela spiccat feruta minhabba l-aggressjoni ta' Curmi fir-*reception area* ta' Mater Dei aktar tard dak l-lejl stess.

Illi d-difiza ssostni li l-akkuza fl-konfront ta' Tony Curmi m' ghandhiex tirrizulta ghaliex il-Prosekuzzjoni akkuzatu li kien ghal habta ta' nofs il-lejl (12.00am) tat-22 ta' Dicembru 2012, li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Kevin Bray. Id-difiza thoss li l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni huma tali li l-incident semmai sehh fil-21 u mhux fit-22 ta' Dicembru 2012. Id-difiza taghmel referenza ghax-xhieda tal-allegati vittmi Amanda Abela u Kevin Bray dwar il-jum tal-incident. Jinghad bla tlaqliq li it-tliet imputati jaghmlu referenza ghall-incident li sehh fit-22 ta' Dicembru fl-i*statement* taghhom, waqt li Amanda Abela u Kevin Bray jikkonfermaw li l-incident sehh fil-21 ta' Dicembru. Jinghad pero' li l-incident huwa wiehed u l-istess anke kif jirrizulta minn dak li xehdu l-ufficcjali tal-pulizija li nvestigaw il-kaz, u dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Anke jekk il-Qorti tara u tezamina c-certifikati

medici li gew rilaxxjati minn Dr. Edward Cherubino, dawn huma datati 22 ta' Diembru 2012.

L-iskop tal-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali huwa tali sabiex l-imputat ikun jaf dwar xiex qed jigi akkuzat bil-ghan li huwa jkun f'posizzjoni li jipprepara id-difiza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004 inghad li:

"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'"*

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza

tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.** (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **I1- Pulizija vs Noel Zarb Adami).”**

U bhalma qalet dik l-istess Qorti fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta."

"Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-itazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn dik il-Qorti, gie spjegat:

"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal-liema reat jew reati jrid iwiegeb."

Ma hemmx dubbju li fil-kaz in desamina l-allegati vittmi kienu jafu fuq xhiex kienu ser jixhdu tant li spjegaw fid-dettal dak kollu li sehh fil-jum ta' l-incident u l-imputati daqstant kienu jafu biex inhuma akkuzati ghaliex anke meta *a tempo vergine* gew mitluba sabiex jirrilaxxjaw l-istqarrija, hadd minnhom ma wera xi dubbju li ma kienx jaf ghal xhiex kien qed jigi investigat. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Illi dwar l-akkuza li l-imputat Tony Curmi ta daqqa ta' tazza lil Kevin Bray ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni *ut sic* u dan ghaliex l-imputat Curmi stess jghid kemm fix-xhieda li ta *viva voce* fil-Qorti kif ukoll fl-istqarrija li huwa rrilaxxja, li kien hu li ta daqqa ta' tazza lil Kevin Bray u kkagunalu l-feriti kif deskritti minn Dr. Cherubino. Dwar in-natura tal-feriti kif deskritti minn Dr. Cherubino a fol. 12 ta' l-atti tal-process ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li huma ta' natura gravi. Jirrizulta pero' li Curmi tefa' t-tazza wara li kien hu stess li qala' daqqa ta' tazza minghand Amanda Abela. Jirrizulta ukoll li Abela tefghet it-tazza meta Curmi waqqa' l-birra u xarrab lil Kevin Bray bil-birra. Jidher li Curmi f'dan il-hin irritalja, prorpju dak il-hin stess, u sabiex jiddefendi lilu innifsu mill-aggressjoni ta' Abela.

Illi kif inhuwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-

legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjiega **Antolisei –**

"*occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale.*"

Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li

"*pericolo attuale e' il pericolo presente.*"

Fil-fatt l-artikolu 233 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"*ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess Kap. jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kondizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza lil hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak l-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed jsehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test oggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Fil-fatt kif jghid l-Professur Mamo fin-noti tieghu:

"*the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument cioe' imbezza' u l-hsieb tieghu li ser jigi aggredit; sitwazzjoni li kif tajjeb qalet id-Difiza, ma holoqhiex l-imputat izda holqitha l-istess Abela waqt li kienet fil-kumpanija ta' Bray bl-attitudini w l-aggressivita' taghha matul l-incident kollu u cioe' li qabdet tazza u garatha lejn l-istess Curmi u kkagunatlu ukoll feriti.

Fl-ahharnett biex l-imputat Curmi ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox, fid-difesa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe' l-imputat. Rinfaccjat b'perikolu serju u imminenti kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm il-kalma u fil-fatt il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (*fear or fright)*.

Illi kull ma ghamel l-imputat hu li qabad it-tazza li kien qed jixrob minnha u fil-pront tefaghha fid-direzzjoni ta' Bray u dan wara li kien appena qala' daqqa ta' tazza minghand l-istess gharusa ta' Bray ftit minuti qabel.

Konsegwentment dwar din l-akkuza l-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprovaha, stante li l-imputat Curmi agixxa *in legittma difesa* tieghu innifsu.

Illi l-imputat Curmi pero' gie akkuzat flimkien mal-ko-akkuzati l-ohra li aggredixxa lil Amanda Abela gewwa r-*reception* tal-Isptar Mater Dei. Dwar dan l-incident jirrizulta bic-car li kien Curmi li effettivament qabad u aggredixxa lil Abela appena raha fl-istess *reception area* wara li kienu marru t-tnejn l-isptar sabiex jiehdu l-kura medika. Jirrizulta li l-ko-akkzuati pero' ma ghamlu xejn, fis-sens li ma jirrizultax li hadu sehem fl-aggressjoni li qalghet Abela. Hawnhekk id-difiza ma tistax teccepixxi d-difiza tal-*legittima difesa* u dan ghaliex kien hemm trapass ta' zmien bejn l-ewwel u t-tieni incident u ghalhekk l-istess imputati setghu ikkalmaw. Kien l-istess Curmi li qala' l-inkwiet meta appena ra lil Abela qabad itiha, jigbdilha xagharha u jitfaghha mal-art u jtiha bis-sieq tant li anke kkagunlaha il-ksur kif deskritt minn Dr. Cherubino, liema feriti wkoll mhumiex kontestati li huma ta' natura gravi. Kemm Abela kif ukoll Bray jghidu li Curmi qabad jaghti lil Abela appena dahal l-isptar flimkien ma' terza persuna li ma gietx identifikata. L-imputat

stess jghid li qabad lil Amanda Abela minn xagharha u kellhom ikunu l-membri tas-sigurta' li jferrquhom.

Illi ghalhekk din l-akkuza li Curmi kkaguna ferita gravi fuq il-pesuna ta' Abela tirrizulta pprovata.

Dwar l-akkuza kontravenzjonali u cioe' li l-imputati kisru l-paci pubblika bl-ghajjat u glied, din tirrizulta wkoll provata fil-konfront tal-imputat Curmi.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 31, 64(2), 214, 215, 217, 218, 221, 338(bb), 338 (dd), 383, 384 u 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>ma ssibx lill-imputati Louis Vassallo u Albert Tabone hatja tal-akkuzi kollha u tilliberahom minnhom</u>, pero' <u>ssib lill-imputat Tony Curmi hati talli ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amanda Abela u talli kiser il-paci pubblika, filwaqt li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom</u>.**

**Dwar il-piena fil-konfront ta' Curmi jinghad li dan gja kiser dufrejh mal-ligi f'erba' okkazzjonijiet, kif jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu fejn inghata Probations, ammendi u multi fuq akkuzi ta' serq, pussess ta' droga u reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, izda donnu ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi tant li rega' qieghed il-**

**Qorti. Jinghad pero' li l-imputat ma hux akkuzat li hu recidiv.**

**Illi ghalhekk hija tal-fehma li ghandha tapplika piena karcerarja sospiza u dan bil-ghan li zzomm lill-imputat Tony Curmi 'l boghod mill-perikolu u mill-hajja kriminali u ghalhekk <u>qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax-il (18) xahar sospizi ghal tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

**Oltre dan tordna li <u>ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Amanda Abela ghal perijodu ta' tlett (3) snin</u> millum skond id-digriet hawn anness li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Qieghda wkoll <u>torbot lil Tony Curmi sabiex taht penali ta' elf Ewro (€1,000) ma jimmolestax, ma jingurajax u ma jdejjajqx lil Amanda Abela ghall-perijodu ta' sena millum.</u>**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT DR CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D.**

**ILLUM 27 TA' GUNJU 2017**

**PULIZIJA**
**(Spettur Roseanne Debattista u Trevor Micallef)**

**vs**

**TONY CURMI (I.D. 600582M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors/ Semgħet il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat **TONY CURMI** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 600582M taħt il-kundizzjonijiet is-segwenti:

**a)** Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużata milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Amanda Abela.**

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, għal perjodu ta' tliet (3) snin ġewwa l-fond fejn tiffrekwenta Amanda Abela kif ukoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond;

c) Tipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntattja jew timmolesta lil Amanda Abela.

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal tliet (3) snin millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab hati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2, 329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn li huma.

____________________
Maġistrat

____________________
Akkużat

KRIM 30.2011

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
*COURT OF MAGISTRATES (MALTA)*

**OBBLIGAZZJONI GHAS-SIGURTA' TA' PERSUNA U BIEX JINZAMM IL-BON ORDNI SKOND L-ARTIKOLU 383(1) TAL-KODICI KRIMINALI**
*BOND FOR SAFETY OF INDIVIDUALS AND FOR MAINTENANCE OF GOOD ORDER IN TERMS OF SECTION 383(1) OF THE CRIMINAL CODE*

**GHAL dak kollu li tghid u trid id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2017**
*IN compliance with the decision delivered by this Court on*

**jien TONY CURMI. hawn taht iffirmat,**
*I* *the undersigned*

**nobbliga ruhi li nzomm il-kwiet mal-istess AMANDA ABELA**
*bind myself to keep peace with the said*

**u li nzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd; u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din**
*and generally not to disturb the public good order; and in case I will fail to fulfill such*

**l-obbligazzjoni, nobbliga ruhi li nhallas is-somma ta'** *ELF EWRO (€1000)*
*obligation, I bind myself to pay the penalty of*

**bhala penali ordnat bid-decizjoni fuq imsemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' issehh**
*prescribed in the decision aforesaid, and such obligation to remain in force for the period*

**ghal zmien SENA MILLUM**
*of*

**Illum,** …………………………..  **(Iffirmat)** ……………………………….
***Today,*** ***(signed)***
**Numru ta' Identita'** ...............................
***No of Identity Card***

**Maghmula u ffirmata quddiemi**
***Done and signed before me.***

**Magistrat** **Deputat Registratur**
***Magistrate*** ***Deputy Registrar***
***KRIM/08/08***

*Illum 27 ta' Gunju, 2017.*

*Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.*